7. Is-seba' motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata tirrappreżenta użu ħażin tal-poter mill-Kummissjoni, kuntrarjament għas-sovranità fiskali tar-Renju Unit.

8. It-tmien motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti fl-evalwazzjoni meta ddeċidiet li l-allegata deroga ma hijiex iġġustifikata f'relazzjoni tat-tassazzjoni ta' profitt(i) mill-kwalifika ta' relazzjonijiet ta' self li jaqgħu *prima facie* taħt l-Artikolu 371EB ("Attivitajiet tar-Renju Unit) tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 (L-Att tal-2010 dwar it-Tassazzjoni (Internazzjonali u Dispożizzjonijiet Oħra). F'relazzjoni mal-eżenzjonijiet ta' "riżorsi li jikkwalifikaw" u "profitti ta' interessi li jaqblu", id-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija wkoll ivvizzjata bin-nuqqas tagħha li tipprovdi raġunijiet f'relazzjoni mal-ġustifikazzjoni tagħhom jew in-nuqqas ta' tali ġustifikazzjonijiet.

9. Id-disa' motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 6 tar-Regolament (EU) 2015/1589 ([2]) u bi ksur tal-obbligu ta' amministrazzjoni tajba taħt l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Speċifikatament, hija naqset milli tindika fid-deċiżjoni tal-bidu tagħha li kellha tħassib dwar il-ġustifikazzjoni tal-"eżenzjoni ta' 75 %" taħt l-Artikolu 371ID tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 sabiex tiġi evitata d-diffikultà prattika li ssir analiżi tal-funzjoni ta' persuni influwenti f'relazzjoni ma' attività ta' self fi grupp, b'tali mod li l-partijiet interessati jingħataw opportunità adegwata li jikkummentaw fuq dan; hija naqset, matul l-investigazzjoni tagħha, li tistieden kummenti f'dan ir-rigward mingħand il-partijiet interessati; u, fid-deċiżjoni kkontestata, hija għażlet li tinjora tali kummenti li kienu fil-fatt ġew ipprovduti mill-partijiet interessati f'dan ir-rigward. Konsegwentement, id-deċiżjoni kkontestata hija invalida.

10. L-għaxar motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-intaxxar ta' kumpannija mir-Renju Unit fuq profitti ta' sussidjarji barranin "sa fejn ikun attribwibbli għall-assi u l-attivitajiet domestiċi" ma jimponix restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u li l-miżura kkontestata ma hijiex meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-libertajiet tat-Trattat.

Insostenn tat-talba tagħhom (sussidjarjament) għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti jibbażaw ruħhom fuq l-imsemmi motiv.

11. Il-ħdax-il motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li anki jekk (li huwa miċħud) il-miżura kkontestata ħolqot skema ta' għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-irkupru tal-għajnuna ma jiksirx il-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, u billi ordnat l-irkupru irrispettivament minn jekk l-istabbiliment ta' CFSs u l-għoti ta' self lil gruppi ta' kumpanniji mhux residenti fil-fatt wassal għal eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment jew tal-moviment liberu tal-kapital. Speċifikatament, f'dan il-każ, l-irkupru jikser il-libertà ta' stabbiliment taħt l-Artikolu 49 TFUE u l-moviment liberu tal-kapital taħt l-Artikolu 63 TFUE tar-rikorrenti. Minħabba tali ksur, l-ordni ta' tali rkupru taħt l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata.

---

([1]) Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU 2016, L 193, p. 1)

([2]) Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2019 – Genus Investments vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-765/19)**

(2020/C 45/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Genus Investments Ltd (Basingstoke, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: M. Whitehouse u P. Halford, Solicitors)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1352 tat-2 ta' April 2019 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit dwar l-Eżenzjoni mill-Finanzjament tal-Gruppi ta' CFC ([1]);

— alternattivament, tannulla l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tikser il-libertà ta' stabbiliment tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 49 TFUE; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħdax-il motiv.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi u/jew żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li l-iskema ta' eżenzjoni mill-finanzjament tal-gruppi (il-"miżura kkontestata") ħolqot vantaġġ ekonomiku skont it-tifsira u l-portata tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi u/jew żball manifest ta' evalwazzjoni fl-identifikazzjoni tas-sistema ta' referenza għall-finijiet tal-analiżi tas-"selettività".

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żbalji ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta identifikat, b'mod żbaljat jew b'mod mhux komplut, u meta naqset milli tifhem b'mod korrett, l-għanijiet rilevanti tas-sistema ta' referenza magħżula tagħha.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żbalji ta' liġi u/jew żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta identifikat il-miżura kkontestata bħala waħda li tikkostitwixxi deroga mis-sistema ta' referenza magħżula tagħha.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żbalji ta' liġi u/jew żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta kklassifikat il-miżura kkontestata b'mod żbaljat bħala *prima facie* selettiva, billi ddeċidiet b'mod żbaljat li din kienet tikkostitwixxi trattament differenti ta' impriżi f'sitwazzjoni legalment u fattwalment komparabbli.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta ħadet id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern ([2]) inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tagħha tas-selettività tal-miżura kkontestata, filwaqt li dan l-istrument kien daħal fis-seħħ biss wara t-tmiem tal-perijodu li fih il-Kummissjoni ddeċidiet li l-miżura kkontestata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

7. Is-seba' motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata tirrappreżenta użu ħażin ta' poter mill-Kummissjoni li huwa kuntrarju għas-sovranità fiskali tar-Renju Unit.

8. It-tmien motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta ddeċidiet li d-deroga allegata ma hijiex iġġustifikata fir-rigward tal-intaxxar ta' profitt finanzjarju (jew profitti finanzjarji) mhux kummerċjali minn relazzjonijiet ta' self kwalifikanti li jaqgħu *prima facie* taħt it-Taqsima 371EB ("attivitajiet tar-Renju Unit") tal-Att dwar it-Tassazzjoni (Internazzjonali u Dispożizzjonijiet Oħra) 2010. Fir-rigward tar-"riżorsi kwalifikanti" u l-eżenzjonijiet ta' "profitti b'interessi mqabbla", id-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija wkoll ivvizzjata min-nuqqas ta' kull motivazzjoni fir-rigward tal-ġustifikazzjoni tagħhom jew tan-nuqqas ta' ġustifikazzjoni tagħhom.

9. Id-disa' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([3]) u bi ksur tad-dmir ta' amministrazzjoni tajba taħt l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Speċifikament, fid-deċiżjoni ta' ftuħ tagħha, hija naqset milli tindika li hija kellha tħassib dwar il-ġustifikazzjoni tal-"eżenzjoni ta' 75 %" taħt it-Taqsima 371ID tal-Att dwar it-Tassazzjoni (Internazzjonali u Dispożizzjonijiet Oħra) 2010 sabiex tevita d-diffikultà prattika li twettaq analiżi tal-funzjonijiet tal-persuni sinjifikattivi fir-rigward ta' attività ta' self intragrupp, b'tali mod li tagħti opportunità adegwata lill-partijiet ikkonċernati li jikkummentaw fuqha; hija naqset, matul l-investigazzjoni tagħha, milli tistieden kwalunkwe kumment f'dan ir-rigward minn partijiet ikkonċernati; u fid-deċiżjoni kkontestata hija għażlet li tinjora tali kummenti li fil-fatt kienu ġew ipprovduti minn partijiet ikkonċernati f'dan ir-rigward. Konsegwentement, id-deċiżjoni kkontestata hija nulla.

10. L-għaxar motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-intaxxar ta' kumpannija tar-Renju Unit fuq profitti ta' sussidjarji barranin "sa fejn ikun attribwibbli għall-assi u l-attivitajiet domestiċi" ma jimponix restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u li l-miżura kkontestata ma hijiex meħtieġa sabiex tiġi żgurata konformità mal-libertajiet tat-Trattati.

Insostenn tar-rikors tagħha (fl-alternattiv) għall-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti tinvoka l-motiv li ġej:

11. Il-ħdax-il motiv ibbażat fuq il-fatt li anki fil-possibbiltà (miċħuda) li l-miżura kkontestata kienet tikkostitwixxi skema ta' għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-irkupru tal-għajnuna ma kienx jikser il-prinċipji fundametali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, u meta ordnat l-irkupru irrispettivament minn jekk l-istabbiliment ta' CFCs u l-għoti tagħhom ta' self lil kumpanniji tal-grupp mhux residenti fil-fatt kienx jikkostitwixxi eżerċizzju tal-libertà ta' stabbilment jew tal-moviment liberu tal-kapital. B'mod speċifiku, f'dan il-każ, l-irkupru kien jikser il-libertà ta' stabbiliment tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 49 TFUE u l-moviment liberu tal-kapital tagħha taħt l-Artikolu 63 TFUE. Sa fejn hemm tali ksur, l-ordni għall-irkupru fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata.

---

(1) ĠU 2019, L 216, p. 1.
(2) ĠU 2016, L 193, p. 1.
(3) ĠU 2015, L 248, p. 9.

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2019 – Just Eat Holding vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-766/19)**

(2020/C 45/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Just Eat Holding Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: M. Whitehouse u P. Halford, Solicitors)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1352 tat-2 ta' April 2019 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit dwar l-Eżenzjoni mill-Finanzjament tal-Gruppi ta' CFC (1);

— alternattivament, tannulla l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tikser il-libertà ta' stabbiliment tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 49 TFUE jew il-moviment liberu tal-kapital tagħha taħt l-Artikolu 63 TFUE; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħdax-il motiv.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi u/jew żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li l-iskema ta' eżenzjoni mill-finanzjament tal-gruppi (il-"miżura kkontestata") ħolqot vantaġġ ekonomiku skont it-tifsira u l-portata tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi u/jew żball manifest ta' evalwazzjoni fl-identifikazzjoni tas-sistema ta' referenza għall-finijiet tal-analiżi tas-"selettività".